**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 178/22/F

**Jonathan Spiteri**

**vs**

**CK Construction Supplies – Cedric Bartolo**

Illum, 9 ta' Ottubru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar it-23 ta' Novembru 2022 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li fid-9 ta' Mejju 2023 sar attentat ta' notifika tal-intimat fl-indirizz 5, Government Buildings, Row B, Triq G. Grech Delicata, Birkirkara, liema notifika tidher li ġiet rifjutata mingħajr ebda raġuni valida u għalhekk, it-Tribunal sejjer iqis dan l-attentat bħala notifika pożittiva tal-intimat;

Ra li l-intimat naqas milli jippreżenta Risposta u naqas ukoll milli jidher għas-seduti quddiem it-Tribunal;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent Jonathan Spiteri bil-ġurament u ra d-dokumenti minnu eżebiti;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' elf, tlett mija u ħamsa u sebgħin Euro (€1,375) li huwa kien ħallas bħala *deposit* lill-intimat fuq *railing 10+10 laminated and tempered glass*. Il-prezz totali miftiehem bejn il-Partijiet kien ta' €2,750.07.

Illi l-istess Rikorrent spjega li minkejja li huwa ħallas id-*deposit* kif mitlub u kienu skorrew il-fuq minn għaxar xhur mid-data miftiehma għall-konsenja, il-ħġieġ ordnat baqa' ma wasalx u ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni ulterjuri minn naħa tal-intimat, fejn saħansira blokkja n-numru telefoniku tiegħu biex żgur ma jkunx jista' jikkuntattjah aktar. B'hekk, ir-Rikorrent beda jaħseb ħażin u eventwalment irrikorra għal dawn il-proċeuduri.

Illi l-intimat naqas milli jqajjem difiżi in kontestazzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent u għalhekk il-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrent tibqa' inkontradetta.

Illi t-Tribunal iqis li r-Rikorrent ipprova l-każ tiegħu b'mod sodisfaċenti skont il-liġi u għalhekk, it-Talba tiegħu timmerita li tiġi milqugħa.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lura lir-Rikorrent is-somma ta' elf, tlett mija u ħamsa u sebgħin Euro (€1,375).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu esklussiv tal-intimat.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***